MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Numru. 1295/2011

Il-Pulizija
(Sp Robert Said Sarreo)
vs
Lucas Vassallo, iben Paul, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Diċembru, 1989, karta ta’ l-identita numru 66590(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-18 ta’ Ottubru, 2011, għal ħabta tat-8.20 a.m. ġewwa Triq Wied Glavan, Xgħajra volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBX 398, tal-għamla Toyota, liema ħsarat huma ta’ aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,164.69 għad-dannu ta’ Matthew Vassallo;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċidiv billi kiser il-provvedimenti ta’ sentenza sospiża mogħtija

fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' April, 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ħsara hi ta' €186.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2012 fejn Matthew Vassallo ħafer lill-imputat u ma jrid xejn min għandu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mil-lum. Rat is-sentenza tal-21 ta' April, 2008 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija, liema piena ġiet sospiża għal erba' snin. Semgħet il-prova ta' l-identita'. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu ta' sospensjoni ta' erba' snin jerġa jibda jiddekorri mill-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------